# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-22 ta' Novembru, 2018.**

**Rikors Numru 671/2018**
**Fl-atti tal-Kawza**
**Rikors Guramentat Nru. 873/2017**

**Luciano Grima**
**(K.I. 205072 M)**

**vs.**

**Nicholas Calleja**
**(K.I. 221984 M)**

Il-Qorti,

1. Illi l-procedura odjerna hi wahda intiza, taht l-artiklu 836(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (minn issa 'l quddiem Kap 12), biex jigi revokat mandat kawtelatorju precedentement mahrug, (ara foll 1);

2.0. Illi fir-risposta tieghu datata s-6 t'Awwissu, 2018, l-intimat sintetikament isosstni li, (ara foll 11):

2.1. It-talba kif dedotta hi proceduralment inkorretta *stante* li l-qorti li laqghet il-mandat t'inibizzjoni in dizamina kienet diversament preseduta;

2.2. Il-mandat t'inibizzjoni Numru 1387/2017/1 kellu jintalab ir-revoka tieghu u mhux li din il-qorti tirrevokah *contrario imperio* billi din il-qorti ma kienitx il-qorti li harget l-istess mandat, (ara foll 12);

Ikkunsidrat:

3. Illi ghandu jkun pacifiku li l-istharrig li ghandha taghmel din il-qorti fir-rigward hu wiehed necessarjament *prima facie stante* li l-mertu fir-rigward jigi investigat fil-kawza proprja inizjata mill-partijiet;

4.0. Illi sintetikament ghalhekk jigi sottolineat li l-istharrig kondott fil-procedura odjerna:

4.1. Hu limitat ghal ezami pjuttost formali tal-att li tieghu qieghed jintalab it-thassir; u

4.2. Ir-rekwiziti li ghandhom jigu ezaminati huma biss dawk mitluba mil-ligi ghall-hrug tal-mandat *de quo*;

5. Illi minn ezami tal-istess ma jirrizultax li l-mandat t'inibizzjoni in dizamina inhareg b'mod abbuziv;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi jirrizulta li r-rikorrenti odjern ressaq it-talba tieghu ghar-revoka fuq riferita tal-mandat t'inibizzjoni Numru 1387/2017 a bazi ta' tlieta (3) mir-ragunijiet indikati fl-imsemmi artiklu 836 tal-Kap 12 senjatament:

**A. L-Artiklu 836(1) (c):**

6.1. Illi dan is-subinciz jistabbilixxi s-segwenti:

> "... li jkun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretenzjoni ta' min ikun talab il-hrug tal-att kawtelatorju sew bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor, jew inkella jekk dik il-garanzija ohra tista' ghas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni";

6.2. Illi biex fil-limiti hemm impost ikun jista' jinghad li hemm garanzija xierqa ohra biex taghmel tajjeb ghall-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug tal-mandat in dizamina irid jintwera li tali garanzija trid tkun tinstab fi hdan l-istess persuna ezekutata;

6.3. Illi fis-sentenza tal-**Prim'Awla tal-Qorti Civili** fl-ismijiet **John Tabone vs. *Capece Construction Limited***, datata l-**14 t'Awwissu, 2013**, gie f'dan ir-rigward ritenut is-segwenti:

> "... (i) l-bizgha li l-gid alternativ li jitressaq bhala garanzija jista' jintuza mid-debitur ezekutat biex jiggarantixxi xi obbligazzjoni ohra m'ghandhiex, wahedha, sservi biex tirrendi dak il-gid bhala mhux xieraq bhala garanzija alternativa ghall-pretensjoni tal-ezekutant. Wara kollox, il-qorti tista' dejjem torbot lil min iressaq il-garanzija alternativa xierqa biex ma jaghmel xejn dwar dak il-gid li bih jista' jnaqqas jew ixellef is-sahha ta' dik il-garanzija;
>
> "Illi, f'materja ta' garanzija xierqa alternativa, l-piz tal-prova li jezisti gid iehor li jista' jaghmel tajjeb ghall-pretensjonijiet tal-intimat ezekutant jaqa' biss fuq il-parti ezekutata rikorrenti. Fuq kollox, tali garanzija trid tkun wahda soda, cara u realizzabbli lill-ezekutant";

6.4. Illi fil-kaz in dizamina jirrizulta li l-flus depozitati mir-rikorrenti ezekutat ma jkoprux is-somma kollha pretiza mill-intimat ezekutant, (ara foll 13 u 14);

6.5. Illi in effetti jirrizulta li hawn *si tratta* minn danni prelikwidati u mhux minn danni fissi, stabbiliti bi kjarezza u kwantifikabbli, izda minn danni li jibqghu jirrikorru sakemm tkompli l-allegata inadempjenza tar-rikorrenti ezekutat;

6.6. Illi ghalhekk it-talba in dizamina hawn trattata ghandha tigi respinta taht is-subinci 1 (e) tal-artiklu 836 tal-Kap 12 li jistabbilixxi talba ghal revoka ta' mandat kawtelatorju ghandha tintlaqa' biss:

> ".. jekk il-garanzija moghtija titqies mill-qorti li tkun bizzejjed liema garanzija tirrizulta li mhix";

## B. L-Artiklu 836(1) (f):

6.7. Illi dan is-subinciz jistabbilixxi s-segwenti:

> "... jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li inzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli";

6.8. Illi ghandu jkun pacifiku li l-kwistjoni jekk hux "ragonevoli" li mandat kawtelatorju jinzammx fis-sehh jew jekk ikunx mehtieg jew gustifikabbli – anke in parti – ma tiddependix mill-eventwali cahda tal-kawzali fil-mertu tat-talbiet tal-intimat ezekutant;

6.9. Illi f'dan ir-rigward terga' ssir referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Tabone vs. *Capece Construction Limited***, fuq riferita, (ara paragrafu numru sitta punt tlieta, (6.3.), aktar qabel), li rriteniet:

> "Illi jinghad ukoll li d-dispozizzjoni tal-ligi taht ezami timplika li, **wara l-hrug tal-mandat**, tkun tbiddlet xi cirkostanza li minhabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' (ghal kollox jew in parti) fis-sehh. Din it-tifsira tohrog mill-kliem "jinzamm" u "aktar mehtieg" li jinsabu fl-imsemmija dispozizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiggustifika l-hrug u z-zamma fis-sehh tal-mandat issa m'ghadux il-kaz";

6.10. Illi minn ezami tal-atti r-rikorrenti ezekutat ma jirrizultax li pprova l-ezistenza ta' xi bidla fic-cirkostanzi li allura minhabba l-istess tibdil, ma jkunx xieraq li l-mandat in dizamina jibqa' fis-sehh;

6.11. Illi ghalhekk anke din it-talba ghandha tigi respinta;

## C. L-Artiklu 836(8):

6.12. Illi l-artiklu ezaminat taht dan il-kap jaghti lill-qorti d-diskrezzjoni li timponi penali kontra l-persuna li tkunipprezentat l-att kawtelatorju, u dan ghar-ragunijiet elenkati fis-subinciz 'a' sa 'd' tal-istess li jissottolinejaw is-segwenti:

"(a) jekk ir-rikorrent, minghajr raguni valida, ma jaghmilx il-kawza dwar it-talba fiz-zmien stabbilit bil-ligi;

"(b) jekk, fit-talba tal-konvenut ghat-tnehhija tal-att kawtelatorju, l-attur jonqos milli jiggustifika li l-att kawtelatorju, kellu jinhareg jew illi fi zmien hmistax -il jum qabel ma jkun sar ir-rikors ghall-hrug tal-att kawtelatorju, huwa jkun b'xi mod talab lill-konvenut li jhallas id-dejn, jew, jekk id-dejn ma jkunx wiehed likwidu, sabiex jipprovdi sigurta` bizzejjed:

Izda d-dispozizzjonijiet ta' dan il-paragrafu ma ghandhomx japplikaw meta jintwera li kien hemm ragunijiet ta' urgenza ghall-hrug tal-mandat;

"(c) jekk ic-cirkostanzi tad-debitur kienu tali li ma jaghtux lok ghal xi dubju ragonevoli dwar il-likwidita` tieghu u dwar il-kapacita` finanzjarja tieghu li jhallas it-talbiet tar-rikorrent, u din il-qaghda tad-debitur kienet maghrufa sew;

"(d) jekk it-talba tar-rikorrenti tkun wahda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja";

6.13. Illi tenut kont tas-suespost jigi sottolineat li l-imposizzjoni tal-penali in dizamina hi sanzjoni ta' natura fakoltattiva dipendenti mid-diskrezzjoni ghaqlija u ponderata tal-qorti;

6.14. Illi fil-konsiderazzjonijiet taghha tal-atti prodotti fir-rigward jirrizulta li r-rikorrenti ezekutat ma ipproduca l-ebda prova jew argument li permezz taghhom seta' jsahhah l-argumentazzjoni tieghu biex il-qorti thossha kawtelata bil-logika u bir-raguni kieku kellha tezercita d-diskrezzjoni taghha kif indirizzata mill-imsemmi rikorrenti ezekutat;

6.15. Illi f'dan ir-rigward il-ligi trid li mhux biss il-parti li kontra taghha jinhareg il-mandat turi li c-cirkostanzi taghha kienu tali li ma jaghtux lok ghal dubju ragonevoli dwar il-likwidita` taghha u dwar is-sahha finanzjarja taghha li jippermettula tissodisfa t-talbiet tal-kreditur hawn intimat ezekutant, izda li trid addirittura turi wkoll li tali qaghda finanzjarjament b'sahhitha kienet maghrufa;

6.16. Illi minn ezami tal-atti u mis-smigh tat-trattazzjoni fir-rigward ma jirrizultax li l-elementi rikjesti biex timponi l-penali mitluba gew sodisfatti;

6.17. Illi ssir ukoll f'dan ir-rigward referenza ghall-artiklu 838A tal-Kap 12 li jistabbilixxi s-segwenti:

> "Il-qorti tista', meta tintwera kawza gusta ghal dan, malli ssirilha talba b'rikors mill-persuna li kontriha jkun inhareg att kawtelatorju, tordna lil dik il-parti li tkun talbet il-hrug tal-att kawtelatorju sabiex taghti, fi zmien stabbilit mill-qorti, garanzija xierqa ghall-hlas tal-penali li tista' tigi mposta u ta' danni u imghax, u, fin-nuqqas, li tnehhi l-att kawtelatorju";

6.18. Illi jirrizulta assodat li l-"kawza gusta" kontemplata fl-artiklu indikat fil-paragrafu precedenti bl-ebda mod ma giet ippruvata mir-rikorrenti ezekutat, u dan billi:

6.18.1. Ma ngiebet l-ebda prova fir-rigward;

6.18.2. Ma ngiebet l-ebda prova li inhareg b'xi mod abbuziv; jew

6.18.3. Ma kienx hemm almenu bazi ta' *prima facie* meta inhareg;

6.19. Illi ghalhekk, anke din it-talba ghandha tigi respinta;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti ezekutat ma irnexxilux jipprova l-allegazzjonijiet tieghu u konsegwentement:

**DECIDE:**

7.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tar-rikorrenti;

7.2. Takkolji r-risposti kollha tal-intimat;

7.3. Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

____________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**